MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-27 ta' April, 2010

Avviz Numru. 23/2008

**Avviz Numru 23/08CSH**

**Harbour Management Limited**

**Vs**

**A.G. Investments Limited**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avvizipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Jannar 2008, permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lil dik konvenut thallasha s-somma ta' hamest elef elef tlett mija w erbgha w tletin euro u tnejn u sittin euro centezmu (Euro 5,334.62) liema somma hija dovuta kwantu ghal elfejn sitt mija wiehed u disghin euro u hamsin euro centezmu (Euro 2691.50) rapprezentanti *hard standing rent*, skond fattura rif. 1762 datata l-ewwel (1) ta'

Novembru 2006; kwantu ghal mija sebgha w ghoxrin euro u tmintax l-euro centezmu (Euro 127.18) ghal provvista ta' dawl w ilma skond fattura rif. 1764 wkoll datata l-ewwel (1) ta' Novembru 2006; kwantu ghal elfejn u disgha w disghin euro u tlieta w ghoxrin euro centezmu (Euro 2099.23) ghal sorveljanza skond fattura rif. 1776 wkoll datat l-ewwel (1) ta' Novembru 2006; u kwantu ghal mija tnejn u disghin euro u wiehed w erbghin euro centezmu (Euro 192.41) ghal tindif skond fattura rif. 1777 wkoll l-ewwel (1) ta' Novembru 2006; u dan kollu 'n konnessjoni mal-fdal tal-bastiment bl-isem ta' FINE SAILOR II proprjeta tieghu (kopja tal-fatturi 'n kwistjoni hawn annessi bhala Dok. A sa E.

Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghaxxijiet bl-oghla rata skond l-ligi mill-ewwel (1) ta' Novembru 2006 sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontriha u bl-ingunzjoni 'n subizzjoni taghha.

Rat illi is-socjeta konvenuta kienet debitament notifikata bl-avviz kif jirrizulta mir-riferta posittiva datata tlettax (13) ta' Frar 2008 inserita fl-atti a fol. 10.

Rat r-risposta tas-socjeta konvenuta A.G. Investments Limited (C-9964) ippresentata fir-Regisgtru ta' din il-Qorti nhar t-tlettax (13) ta' Frar 2008 (fol. 11) fejn eccepiet is-segwenti:-

*1. "Illi ma huwiex kontestat illi l-ammonti ta EURO 2,691.50 rapprezentanti hard standing rent, EURO 224.30 rappresentanti lifting u EURO 127.18 rappresentanti provvista tad awl u ilma ilkoll in konnessjoni mal-fdal tal-bastiment bl-isem "Fine Sailor II", huma dovuti mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici.*
*2. Nonnostante in-nuqqas ta' kontestazzjoni da parte tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' l-ammonti ta' EURO 2,691.50, Euro 224.30 u Euro 127.18 hija xorta m' ghandhiex tigi tenuta responsabbli ghall-hlas tal-ispejjez ta' dawn il-proceduri stante illi dawn l-ammonti ma thallsux mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta attrici ghaliex din tal-ahhar qed tirrifjuta, ghall-ebda raguni valida fil-ligi li tirrilaxxja a favur tas-socjeta' konvenuta, ir-wreck tal-*

*bastiment "Fine Sailor II" u dana nonnostante digriet ta'l-Onorabbli Qorti datat 1 ta' Novembru 2006 li ordna r-rilaxx t tali wreck.*
*3. Is-socjeta' konvenuta tikkonstesta t-talba attrici in quanto tirrigwarda s-somma ta EURO 2,099.23 rappresentanti sorveljanza u ghall-hlas tas-somma ta' EURO 192.41 rappresentanti tindif in konnesjoni ma fdal tal-bastiment bl-isem "Fine Sailor II" stante li (a) it-talba ghall-hlas tas-somma ta' Euro 2.099.23 rappresentanti sorveljanza hija ingustifikata u ebda ammont ma huwa dovut mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici f'dan ir-rigward; u li (b) it-talba ghall-hlas tas-somma ta EURO 192.41 hija ferma eccessiva.*
*Ghaldaqstant it- talba tas-socjeta attrici in kwantu rigwarda l-hlas ta' l-imsemmija zewg ammonti ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici."*

Illi fis-seduta tad-disgha (9) ta' Lulju 2008 xehed **Pierre Balzan** in rappresentanza tas-socjeta attrici (fol. 16 et seq) fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' Direttur tas-socjeta' attrici liema socjeta' tiehu hsieb il-Marina ta' Manoel Island. Mistoqsi jispjega l-*invoices* esibiti a fol. 2 sa fol. 6, wiegeb li b'referenza ghad-Dok. A a fol 2, s-somma ta' LM1,155.46 tirrapprezenta *ground rent*. Qal li d-dghajsa "Fine Sailor II" kienet tokkupa certu spazju fil-marina w ghalhekk thallas il-kera maghrufa maghhom bhala *hard standing rent*.

Qal li fir-rigward t-tieni *invoice* fl-ammont ta' LM96.29 , li hija dik markata bhala Dok. B a fol 3 u dik a fol. 4 markata bhala dok C fl-ammont ta' LM54.40 , dawn jirrapprezentaw parti mill-*hard standing rent* u jirrapprezentaw ukoll parti mill-kirja kif hemm miktub minn Jannar sa April.

Fir-rigward l-invoice D fl-ammont ta' LM901.20, din tirrapprezenta *security expenses*. Ix-xhud spjega li din id-dghajsa kienet inharqet waqt li kienet fl-art u maghha, skond ir-rizultat tal-inkjesta magisterjali, nharqu zewg dghajjes ohra. Qal li kien gie ordnat mill-Magistrat Inkwerenti sabiex ma jintmess xejn in konnessjoni ma' din

d-dghajsa sakemm tinghalaq l-inkjesta. Qal li huma kellhom ordni wkoll li jzommu sorveljanza ma' dawk id-dghajjes li effettivament kienu nharqu. Zied jghid li tal-Health & Safety tawhom wkoll struzzjonijiet biex inaddfu l-akwati ta' fejn kienu dawn id-dghajjes. Ix-xhud kompla jghid li sussegwentement hu kien anke nforma lill-klijent b'dawn l-istruzzjonijiet li kellhom, u cioe' fejn kellhom inaddfu u dwar is-servizz ta' sorveljanza li kellhom jipprovdu.

Filwaqt li l-*invoice* E a fol 6 fl-ammont ta' Lm82.60 tirrapprezenta t-tindif li sar kif spjegat aktar 'l quddiem. Mistoqsi x'konnessjoni hemm bejn is-socjeta' konvenuta w id-dghajsa Fine Sailor II, wiegeb li hija s-sid taghha. Qal li kien hemm regoli kif tigi operata l-Marina u dawn huma ppubblikati fl-internet. Huwa esebixxa kopja taghhom li giet markata bhala Dok. Z. Qal li kopja taghhom tinsab imwahhla fin-*notice board* fil-Marina stess. Zied jghid li skond klawsola 4, is-socjeta' attrici ghandha dritt tirritjeni d-dghajsa sakemm isiru l-hlasijiet kollha li jikkoncernaw lilha u li jkunu dovuti lill-istess socjeta'. F'dan l-istadju x-xhud esebixxa kopja tal-proces verbal in konnessjoni mal-hruq li sar fil-Marina li gie markat bhala Dok. X (fol 18 et seq)

Rat in-nota ppresentata mis-socjeta' attrici waqt s-seduta ta' nhar t-tnejn w ghoxrin (22) ta' Settembru 2008 (fol.30) permezz ta' liema gie esibit kopja ta' *transcript of register* tal-Awtorita Marittima ta' Malta dwar l-bastiment FINE SAILOR II proprjeta tas-socjeta' konvenuta bhala Dok. HM 1 (fol. 31 et seq tal-atti).

Rat in-nota tas-socjeta' attrici ppresentat seduta stante nhar is-sbatax (17) ta' Frar 2009 permezz ta' liema giet esibita kopja vera tar-relazzjoni tal-Espert Forensiku l-Professur Alfred J. Vella maghmul fl-atti tal-inkjesta dwar hruq ta' tlett yachts f'Manoel Island Marina Yard nhar l-erbgha w ghoxrin (24) t'April 2006 (fol.39 et seq tal-atti).

Illi fis-seduta ta' nhar it-tmienja (8) ta' Lulju 2009 xehed **il-Professur Alfred Vella** (fol. 63) fejn meta gie muri d-dokument a fol. 48 et seq tal-atti, kkonferma li din hija r-

relazzjoni li hu kien ippresenta quddiem il-Magistrat Audrey Demicoli rigward hruq ta' tlett yachts fil-Manoel Island Marine Yard nhar l-erbgha w ghoxrin (24) t'April 2006. Spjega li dan kien sehh ghal habta tal-hamsa ta' filghodu pero' hu kien acceda fuq il-post ghal habta tal-ghaxra w nofs ta' filghodu w ghalhekk minn dak li seta' jiddeduci izda mhux mill-memorja, ma ftakarx li kien ta xi direttivi partikolari sabiex ikun hemm xi spezzjoni fuq il-post.

Qal li jiftakar li kien staqsa lil Pierre Balzan jekk mill-*camera* li hemm installata kienx osserva xi movement mhux regolari u dan kien qallu li wara li kien iccekkja l-filmat tas-CCTV ma rrizulta li kien hemm xejn irregolari w ghalhekk jista' jkun li hu (ix-xhud) kien ta xi struzzjonijiet sabiex dawn il-cameras u cioe' l-filmati jigu nvestigati ulterjorment. Qal li ma jiftakarx li ta xi direttivi specifici ohra. Zied jghid li l-filmati tal-*cameras* hu ma rahomx personalment. Qal li hu qatt ma wasal ghal xi konkluzzjoni ta' htija u wasal biss ghal xi konkluzzjoni dwar jekk il-hruq kienux doluz jew le.

Minn ezami tar-relazzjoni ta' dan l-espert jirrizulta li l-hruq ma kienx wiehed doluz izda wiehed li sehh minhabba xi *short circuit* li kien hemm fuq id-dghajsa.

Illi fis-seduta ta' nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Frar 2010 xehed **Leonard Zammit** prodott mis-socjeta' konvenuta (fol. 68) fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' Direttur u Judicial Representative tas-socjeta' konvenuta. Mistoqsi lil min tappartjeni d-dghajsa Fine Sailor II, x-xhud wiegeb li hija proprjeta' tas-socjeta' konvenuta. Ikkkonferma li din id-dghajsa nharqet f'April 2006 u dan waqt li kienet mizmuma fil-Manoel Island Marina Yacht Yard. Spjega li huma mhux jikkontestaw l-ammont dovut bhala *hard standing rent* kif deskritt fid-dokument A fol.2. Qal li jaqbel ukoll li s-somma ta' Euro 224.30 imsemmija fid-dok. B a fol. 3 huwa dovut, kif ukoll hu dovut l-ammont ta' Euro127.18 imsemmi bhala provvista ta' dawl u ilma kif deskritt fid-dok C a fol. 4. Qal li huma kienu qed jikkontestaw l-ammont ta' Euro 2099.23 u cioe' d-dokument D a fol 5 mitlub minnhom skond fattura ghal

sorveljanza, u dan ghaliex huma qatt m'ordnaw xi sorveljanza.

Qal li meta sussegwentement huma gew infurmati li seta' kien hemm xi *charge* ghal sorveljanza, huma wiegbu mill-ewwel li huma ma kienux responsabbli ghalih. Zied jghid li s-sorveljanza li l-parti l-ohra qed titlob huwa ghal zmien wara l-incident jigifieri wara li d-dghajsa nharqet. Qal li mid-dghajsa fil-fatt kien fadal biss il-qiegh u ta' gewwa kollu kien mghotti, kien irmied. Qal li mal-art kien hemm il-partijiet li waqghu. Zied jghid li huma kienu talbu li dawk l-affarijiet li kienu waqghu minhabba l-hruq jinzammu x'imkien for *safe keeping,* pero' l-parti l-ohra kienu cahdulhom kwalsiasi access biex jissalvagwardjaw dak li kien fadal.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi korrispondenza skambjata f'dawn r-rigward, ix-xhud ikkonferma li kien hemm fl-erbatax t'Awwissu 2006 liema korrispondenza kienet tirrigwarda l-fatt li huma kienu qed jikkontestaw il-kontijiet li kienu qed jigu reklamati u dan sabiex huma jkunu jafu ezattament x'kien qed jitolbu minhom. Qal li f'wahda mir-risposti ssemmiet is-sorveljanza ta' *watchman*. Qal li huma minnufih kienu baghtu e-mail lura fejn qalu li huma qatt ma kienu ordnaw dan s-servizz. Ix-xhud esibixxa d-dokument li gie markat bhala Dok. CSH (fol. 70). Zied jghid li l-parti l-ohra qatt ma qalulhom xejn bil-miktub, pero' meta nzammet laqgha bejniethom, verbalment kienu qalulhom li huma kellhom xi *court order,* izda meta talbuhom kopja ta' din l-ordni dawn ma tawhielhomx.

Mitlub jikkummenta dwar l-ammont ta' Euro 192.41 ghat-tindif, ix-xhud qal li fil-fatt dan l-ammont ukoll huwa eccessiv. Qal li sa fejn jafu hu, r-*wreck* baqghet *tale quale* u qatt ma gew infurmati dwar xi possibililta' ta' tindif. Zied jghid li kien dejjem hu li kellu x'jaqsam mas-socjeta' attrici dwar din il-kwistjoni. Mistoqsi jekk jafx kienx hemm xi arretrati dovuti lis-socjeta' attrici, wiegeb li ghal perjodu meta d-dghajsa kellha tkun fil-bahar w effettivament inharqet huma ma hallsu ebda kont, u kkonferma li l-ammonti msemmija fl-avviz ghadhom ma thallsux. Mistoqsi jekk effettivament huma kellhomx xi cedola ta'

depositu ta’ dawk l-ammonti ta’ flus li huma ma kkontestawx, wiegeb li le ghaliex minkejja li huma gabu *court order* biex jiehdu lura r-*wreck*, biex jaraw x’setghu isalvaw minnha, l-atturi ma tawhomx permess jaghmlu dan. F’dan l-istadju x-xhud esibixxa kopja tad-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati dwar ir-rilaxx ta’ din r-*wreck,* li gie mmarkat bhala Dok. CSH 1 (fol.73) datat l-1 ta’ Novembru 2006.

Rat li fis-seduta ta’ nhar t-tlieta (3) ta’ Marzu 2010 is-socjeta attrici giet moghtija zmien sabiex tippresenta nota ta sottomissjonijiet sal-wiehed w ghoxrin (21) ta’ Marzu 2010 bil-visto tal-kontro parti li kellha sal-ghaxra (10) t’April 2010 biex tirrispondi.

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici li giet ippresentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Marzu, 2010 kif ukoll in-nota responsiva tas-socjeta’ konvenuta li giet ppresentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-sitta (6) t’April, 2010.

Rat ghalhekk li din il-Qorti setghet tghaddi biex tikteb is-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza s-socjeta attrici qed titlob diversi hlasijiet in konnessjoni ma’ zamma ta’ dghajsa gewwa Manoel Island maghrufa bl-isem ta’ Fine Sailor II, liema dghajsa inharqet waqt li kienet fil-kustodja tas-socjeta’ konvenuta nhar l-24 ta’ April 2006. Illi m’hemmx dubbju li r-raguni tal-hruq ma kienitx wahda doluza izda wahda accidentali u skond il-Professur Alfred Vella nominat fl-atti tal-inkjesta din inharqet bhala rizultat ta’ *short circuit*. Illi ghalhekk ir-raguni ghall-hruq stante, li mill-atti ma jirrizultax mod iehor kien wiehed ta’ *casus* u mhux ta’ negligenza.

Jirrizulta mill-atti li s-socjeta’ konvenuta hija sid din id-dghajsa, u li hija ma hallsitx ghal xi servizzi minnha wzati ‘n konnessjoni ma’ din id-dghajsa, fosthom xi arretrati ta’ kera, is-servizz ta’ dawl u ilma, servizz ta’ sorveljanza u

tindif. Dwar dawn it-talbiet jidher li s-socjeta’ konvenuta qieghda tammetti whud minnhom, u cioe’ qieghda tirrikonoxxi li hija debitrici tas-socjeta’ attrici skond l-*invoices* esebiti fl-atti u mmarkati bhala dok A, B u C. Din l-ammissjoni taghha tirrizulta kemm mill-qari tal-eccezzjonijiet taghha kif ukoll mix-xhieda li ta Lawrence Zammit ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta fl-atti. Hija pero’ qigheda tichad li thallas l-ammonti ndikati fid-dokumenti D u E u dan ghaliex fil-fehma taghha mhumiex dovuti minnha.

Dwar id-dokument D is-socjeta’ attrici tghid li hija kellha ordni li tipprovdi sorveljanza fuq id-dghajsa mahruqa. Mistoqsija pero’ minghand min kellha din l-Ordni, din tghid li din l-ordni nharget mill-Qorti, pero’ kopja ta’ din l-ordni ma esebietx u lanqas xi prova ohra in sostenn ta’ dak minnha allegat. Min-naha l-ohra s-socjeta’ konvenuta ssostni li hija fil-fatt kellha d-dritt li tiehu lura r-*wreck* tad-dghajsa, anke permezz ta’ digriet moghti mill-Qorti tal-Magisrati (Sede Kriminali) nhar l-ewwel (1) ta’ Novembru 2006, pero’ s-socjeta’ attrici ma hallithiex taghmel dan. Illi ghalhekk hija qed issostni li s-sorveljanza li ordnat fuq id-dghajsa jew ahjar ir-*wreck,* is-socjeta’ attrici ghamlitha ghax riedet hi, ghaliex kieku hallietha tigbor ir-*wreck* ma kienx ikun hemm lok ghal tali sorveljanza. In oltre s-socjeta’ konvenuta tghamel referenza ghall-e-mail mibghuta minnha lis-socjeta’ attrici nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta’ Awwissu 2006 (Dok CSH fol. 70) fejn talbet lis-socjeta’ attrici sabiex jaslu ghal arrangement *amichevoli* sabiex l-ispejjez ma jizdidux. Minn imkien ma jirrizulta li huma qatt talbu ghal xi servizz ta’ *watchman*. Is-socjeta’ attrici zammet ir-*wreck* ghax sostniet li skond il-Marina Rules esebiti fl-atti huma kelhom kull dritt izommu r-*wreck* sakemm jithallsu ghas-saldu tal-pretensjoni taghhom.

Illi dwar il-kwistjoni, jew ahjar it-talba rigward it-tindif, il-Qorti rat li verament kien hemm hruq u li l-post thammeg, pero’ dan zgur li ma sehhx tort tas-socjeta’ konvenuta izda kienet kwistjoni t’incident sfortunat, u ghalhekk zgur li s-socjeta’ konvenuta ma tistax tinsab responsabbli ghal hlas ta tindif li sar. Zgur li s-socjeta’ attrici kellha *insurance* u li

setghet tghamel *claim* u tigbor id-danni li sofriet minn hemm.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Apell fl-ismijiet **Charles Borg nomine vs Francis Vella et deciza** fil-31 ta' Jannar 2003, fejn inghad is-segwenti:-

Fil-ligi taghna dawn l-istess kuncetti – 'force majeure' u 'cas fortuit' huma kodifikati fl-Art. 1029 tal-Kodici Civili li jipprovdi li "*kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara*."

Fil-kazijiet ezaminati l-iskrutinju li jsir mill-Qrati huwa dak li jaraw jekk l-att kienx precedut minn att jew ommissjoni kolpuza. Jekk ma hemm l-ebda konnessjoni bejn il-fortuwitu u l-eghmil, doluz jew kolpuz ta' l-agent, allura ssehh l-effikacja tal-kaz fortuwitu bhala "*mezzo liberatore della responsabilita`*" ("**Ciantar –vs- Gatt**, Appell, Sede Inferjuri, 15 ta' Mejju 1926).

Ghal kuntrarju "*quando invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria ommissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione ed ommissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto*" ("**Publio Azzopardi –vs- Antonio Arcicovich et**", Appell, 14 ta' Novembru 1919, "**Bezzina –vs- Grech et**", Kummerc, 7 ta' Gunju 1938; "**Costantino Fenech –vs- Camillo Gatt**", Prim'Awla, Qorti Civili; 17 ta' Mejju 1902; "**Micallef noe –vs- Gasan noe**, Kummerc, 20 ta' Jannar, 1930).

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta l-Appell nhar il-30 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet **John Bugeja pro et noe vs Carmelo Spiteri** inghad li biex ikun hemm il-kaz fortuwitu, mhuwiex bizzejjed **avveniment insolitu** li jkun kawzat mill-forzi tan-natura minghajr il-konkors tal-fatt tal-bniedem, imma huwa mehtieg ukoll li jkun **inevitabbli**,

cioe` li ma jistax jigi evitat bl-ezercizzju tad-diligenza ordinarja ta’ *bonus paterfamilias.*

Issa bhala provi f’dan il-kaz ma giex ipprovat illi s-socjeta’ konvenuta kienet resposnabbli ghall-hruq li kien hemm, izda ghall-kuntratrju minn ezami tal-proces verbal li ma giex kontestat, jirrizulta li l-hruq kien kagun ta’ *short cicuit*. Ma

jirrizultax li effettivament dan seta’ gie evitat, fis-sens li l-konvenut ma aggixxiex bhala *bonus pater familias*.
Fid-dawl tas-suespost ghalhekk din il-Qorti taqbel mas-socjeta’ konvenuta li m’ghandhiex thalls l-*invoices* Dok. D u E, u li dawk l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mis-socjeta’ attrici .

Illi huwa veru li s-socjeta’ konvenuta ma pprezentatx il-valur tal-*invoices* A, B u C il-Qorti permezz ta’ cedola *pendente lite* sabiex tesimi ruhu minn kwalsiasi responsabilita’, pero’ dan ma jfissirx li ghandu jbati l-ispejjez tal-Qorti.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tiddeciedi billi filwaqt li tilqa’ l-ecezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, tilqa’ t-talba attrici <u>limitatament pero’ ghas-somma ridotta ta’ tlett elef tnejn u erbghin Euro u tmienja u disghin Euro centesmu (€ 3042.98)</u>.**

**Bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta’ konvenuta.**

**L-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta’ attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------